MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

# QAFAS GĦALL-ISTRATEĠIJA GĦALL-EDUKAZZJONI F'MALTA 2014-2024

INSAĦĦU S-SISIEN, NOĦOLQU ALTERNATTIVI, INŻIDU L-IMPJEGABILITÀ

## IL-KUNTEST KURRENTI, IT-TWEMMIN U L-VALURI TAGĦNA

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol huwa impenjat li jsaħħaħ u jibni fuq is-suċċess milħuq fl-imgħoddi fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-ħolqien tax-xogħol imma fl-istess ħin jagħraf l-isfidi tad-dinja kompetittiva tal-lum u li l-ħin kollu tinbidel. Filwaqt li rridu nkomplu nsaħħu l-identità ta' Malta billi wliedna jkollhom ħakma tajba tal-ilsien Malti, irridu wkoll nagħfsu fuq il-ħtieġa li niesna jkunu jafu jħaddmu sew l-Ingliż, il-lingwa internazzjonali li tifttħilna l-bibien għad-dinja. Barra dan, irridu wkoll nirsistu biex iż-żgħażagħ tagħna jkunu jafu wkoll lingwi oħra mifruxin mad-dinja.

Il-Ministeru jrid ikun promotur ewlieni fit-tħejjija tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri għall-isfidi tas-seklu 21. It-tfal u ż-żgħażagħ jeħtieġ ikollhom il-ħiliet u t-talenti meħtieġa biex isibu l-impjiegi li jistħoqqilhom u biex ikunu ċittadini eżemplari.

Għal dan il-għan il-Ministeru, bi sħab mas-soċjetà ċivili u l-entitajiet edukattivi u ekonomiċi, qiegħed iniedi proċess ta' kosultazzjoni biex jaġġorna l-istrateġija tal-edukazzjoni għal pajjiżna. F'dan il-proċess ta' konsultazzjoni rridu naslu biex fuq medda ta' għaxar snin, bejn l-2014 u l-2024, intejbu s-sistema edukattiva tagħna b'tali mod u manjiera li l-istudenti tagħna jiżviluppaw il-potenzjal soċjali u personali tagħhom u jiksbu l-għarfien meħtieġ, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudnijiet xierqa, f'sistema msejsa fuq il-valuri tal-ekwità, il-ġustizzja soċjali, id-diversità u l-inklużjoni.



Il-Ministeru qiegħed jipproponi strateġija koerenti li tipprovdi opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja kollha, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija sat-tagħlim tal-adulti. L-għan ewlieni tal-istrateġija huwa li t-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti kollha jkollhom l-opportunità jiksbu l-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex ikunu ċittadini attivi u jirnexxu kemm fil-karriera tagħhom kif ukoll fis-soċjetà. Irridu negħlbu d-differenzi soċjoekonomiċi, kulturali, razzjali, etniċi, reliġjużi, sesswali u ta' ġens li jistgħu jxekklu t-tagħlim. Minkejja li hemm fatturi lil hinn mill-iskola li jinfluwenzaw ir-riżultati mistennija mill-istudenti, ngħidu aħna, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-Ministeru qiegħed jirsisti biex itejjeb l-esperjenzi edukattivi tat-tfal billi jħeġġeġ il-kreattività, il-ħsieb kritiku, l-intraprenditorija u l-innovazzjoni fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.

Il-Qafas għall-Istrateġija għall-Edukazzjoni f'Malta 2014-2024 għandu erba' miri ewlenin li jaqblu mal-miri Ewropej u dinjija:

1. **li jnaqqas l-iżbilanċ fir-riżultati tat-tagħlim bejn is-subien u l-bniet u bejn tfal li jmorru fi skejjel differenti; li jnaqqas l-għadd ta' studenti li jmorru ħażin fl-iskola filwaqt li jgħolli l-livell tal-litteriżmu, in-numeriżmu, il-kompetenza fix-xjenza u t-teknoloġija, u li jżid l-għadd ta' studenti li jirnexxu fl-iskola**

2. **li jgħin lit-tfal li jkunu fir-riskju tal-faqar jew ġejjin minn ambjent soċjoekonomiku mwiegħer jirnexxu fl-iskola u jnaqqas l-għadd ta' studenti li jitilqu bikri mill-iskola**

3. **li jiżdied l-għadd ta' nies li jiksbu tagħlim tul il-ħajja u t-tagħlim tal-adulti;**

4. **li jżid l-għadd ta' studenti li jagħżlu li jsegwu korsijiet postsekondarji, vokazzjonali u terzjarji, u jikkwalifikaw fihom**

Fid-dinja globalizzata tal-lum, it-tibdiliet meħtieġa fl-edukazzjoni ma jistgħux jittieħdu biss mill-pajjiżi għal rashom. Jekk ma nżommux għajnejna miftuħin x'inhu jiġri madwarna fid-dinja, inkunu qegħdin nipperikolaw il-ġejjieni ta' pajjiżna u tal-poplu tagħna. Ma nistgħux inħallu pajjiżi oħra jgħadduna. Irridu nħabirku biex nilħqu u nisbqu lil dawk il-pajjiżi li avvanzaw aktar minna minħabba l-ħiliet u talenti ta' nieshom.

Biex infasslu pjan strateġiku tal-edukazzjoni għal Malta rridu niġbru u niflu l-aħjar prattiċi u politiċi f'dan il-qasam li jeżistu fl-Ewropa u lil hinn minnha. L-oġġettivi tagħna jridu jinkludu s-seba' prinċipji strateġiċi għall-qasam tal-edukazzjoni, prinċipji mnebbħa mill-politika Ewropea u minn inizjattivi internazzjonali, kif jidhru f'Tabella 1.

## TABELLA 1. IL-PRINĊIPJI STRATEĠIĊI GĦALL-IŻVILUPP POLITIKU

**It-Tmexxija ta' Organizzazzjoni Edukattiva**

- Il-garanzija ta' finanzjament fit-tul
- Is-sostenibiltà tal-finanzjament
- Struttura ta' tmexxija li tagħti lok għall-modernizzazzjoni u l-innovazzjoni
- Appoġġ biex jiġu żviluppati proċessi amministrattivi
- Modi trasparenti ta' tmexxija, immaniġġjar u amministrazzjoni

**Il-Kwalità tas-Sistema Edukattiva**

- L-assigurazzjoni tal-kwalità fil-programmi edukattivi
- Kwalità fil-programmi ta' taħriġ għall-poplu: żvilupp kontinwu tal-edukaturi

**Id-Dimensjoni Soċjali**

- Opportunitajiet indaqs fl-edukazzjoni
- L-impjegabilità u r-relevanza tal-edukazzjoni
- It-tagħlim tul il-ħajja
- L-assessjar tal-ħiliet minħabba l-ħtiġijiet tas-soċjetà u l-industrija
- Aċċess wiesa' għall-informazzjoni fuq ir-rotot ta' tagħlim u l-firxa ta' kwalifiki li jistgħu jinkisbu

**Niffokaw fuq l-Istudenti**

- Rotot differenti ta' tagħlim u tagħlim iffokat fuq l-istudenti
- Appoġġ lill-istudenti bis-servizzi tal-counselling, guidance, u sistemi oħra ta' għajnuna u konsulenza
- Il-modernizzazzjoni u l-awtomazzjoni tal-proċessi li jgħaddu minnhom l-istudenti

**Id-Dimensjoni Internazzjonali**

- Ħidma sfiqa biex jissaħħaħ it-tagħlim tal-Ingliż fost is-setturi soċjali kollha
- Mobiltà ta' studenti u ħaddiema barra minn Malta
- Mentalità miftuħa għal sistemi u proċessi ġodda barranin
- Armonizzazzjoni tal-oqfsa tal-kwalifiki tagħna ma' dawk Ewropej
- Armonizzazzjoni tal-metodi tal-assessjar u l-eżamijiet
- Rikonoxximent internazzjonali tal-kwalifiki lokali

**Innovazzjoni fl-Istrateġija**

- It-treġija tal-interazzjoni bejn l-erba' ċrieki tal-ispiral: l-edukazzjoni, is-soċjetà, l-industrija u s-settur pubbliku
- It-taħriġ tal-għalliema f'metodi ġodda ta' tagħlim
- Programmi li jagħtu rispons lill-istudenti, l-edukaturi u lil kull min għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni
- L-aġġustament u l-iżvilupp ta' oġġettivi strateġiċi skont standards internazzjonali għall-edukazzjoni u r-rispons ta' kull min għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni

**It-Turija tar-Riżultati**

- Il-ġbir u l-irrappurtar tal-informazzjoni
- Il-kejl tal-kisbiet u n-nuqqasijiet fil-kuntest tal-miri Ewropej







Wieħed mill-oġġettivi ewlenin ta' din l-Istrateġija huwa li ntejbu l-kwalità u l-effettività ta' pajjiżna. Is-soċjetà tagħna trid tiżviluppa f'soċjetà aktar kompetenti, inġenjuża, kritika u kompetittiva f'ekonomija globali misjuqa mill-informazzjoni, l-għarfien u l-innovazzjoni. Fost oġġettivi oħra l-Istrateġija trid tara kif se jinħoloq kurrikulu relevanti msejjes fuq ir-riżultati tat-tagħlim u firxa wiesgħa ta' esperjenzi ta' tagħlim u kwalifiki abbinati mal-Qafas Malti tal-Kwalifiki. Il-kurrikulu jrid joffri rotot u opportunitajiet differenti ħalli t-tagħlim ikun marbut mas-suq tax-xogħol u jħejji lill-istudenti fl-edukazzjoni postsekondarja għal impjiegi li jeħtieġu ħiliet speċjalizzati u fl-istess ħin iħeġġiġhom jagħtu sehemhom fl-iżvilupp tas-soċjetà demokratika tagħna.

Fl-għaxar snin li ġejjin, il-Ministeru se jaġġorna bil-galbu l-programmi ta' tagħlim eżistenti u l-modi ta' assessjar li qegħdin jintużaw fis-sistema edukattiva obbligatorja, vokazzjonali u tat-taħriġ. Il-Ministeru se jkompli jsostni l-modernizzazzjoni tas-sistema vokazzjonali, qabelxejn tal-edukazzjoni obbligatorja, imma wkoll tal-apprentistat, l-iskemi ta' taħriġ u tal-programmi li joffru opportunitajiet ta' tagħlim imżewġa ma' esperjenzi ta' xogħol, u dan kollu fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja.

It-tagħlim frott l-esperjenza u x-xogħol se jkun akkreditat u ċċertifikat. Irridu nassiguraw li l-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki għat-Tagħlim tul il-Ħajja jservi biex intejbu l-kwalità tat-tagħlim u jiġu akkreditati bi trasparenza l-esperjenzi kollha ta' tagħlim, fosthom it-tagħlim informali u nonformali, u l-iskemi tal-apprentistat. Se nirsistu biex ikollna sistema ta' ċertifikazzjoni li fuq kull livell tistma aktar l-impjegabilità u l-mobiltà, u standards aħjar ta' trasparenza.

Pajjiżna ma jistax jimxi 'l quddiem u jkun tabilħaqq pajjiż demokratiku u ġust jekk se jibqa' jkollna daqstant tfal ma jafux jitkellmu tajjeb, jaqraw u jiktbu, ma jafux iħaddmu n-numri, m'għandhomx għarfien tax-xjenza u neqsin mill-ħiliet diġitali. Ma jistax ikun li t-tfal tagħna ma jkunux mogħnija

b'ħiliet ogħla ta' ħsieb u lanqas li jkollna studenti li jitilqu bikri mill-iskola. It-tfal tagħna rriduhom jitħejjew tajjeb mhux biss għall-impjiegi li hawn bħalissa imma wkoll għall-impjiegi futuri. Irridu jintgħallmu ħiliet trasferibbli ħalli ma jispiċċawx bla xogħol minħabba li l-ħiliet li jkollhom ikun għadda żmienhom. Għandna indikazzjoni ċara li sas-sena 2020, madwar 36% tal-impjiegi fl-Unjoni Ewropea se jkunu jeħtieġu ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, innovattivi u li kapaċi jaddattaw ruħhom għal ċirkustanzi ġodda. L-akbar xkiel li qiegħed iħabbat wiċċu miegħu pajjiżna biex jikber ekonomikament u jimxi 'l quddiem huwa li mhux jipprovdi rotot ta' tagħlim alternattivi, relevanti u ta' kwalità għolja għal kulħadd.

Imbagħad hemm l-isfida iebsa tal-ħolqien tax-xogħol. Din nistgħu nilqgħulha jekk l-edukazzjoni u x-xogħol joffru tagħlim tul il-ħajja li jista' jintlaħaq miċ-ċittadini kollha, u jsir f'firxa ta' kuntesti edukattivi, fosthom fil-postijiet tax-xogħol.

Sfida oħra kbira hi li jkollna żgħażagħ bil-ħiliet meħtieġa u ddedikati f'xogħolhom li kapaċi jidħlu għall-impjiegi maħluqa. Bħalissa nofs l-impjiegi li qed jinħolqu f'pajjiżna qegħdin jittieħdu mill-barranin, kemm għax m'għandniex biżżejjed nies imħarrġa f'xi oqsma tax-xogħol kif ukoll għax uħud ma jridux jaħdmu f'xi oqsma oħra. Li jkollna għadd ta' ħaddiema ta' stoffa barranin huwa tajjeb għall-ekonomija tagħna imma ma' dawn irid ikollna bosta ħaddiema Maltin ta' ħila u ħerqana biex jaħdmu.

## INFASSLU PJAN TA' AZZJONI GĦALINA

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jirrikonoxxi li fil-qasam tal-Kindergarten għadd ġmielu ta' tfal qed jattendu ċ-ċentri, aktar mill-medja Ewropea. Dan biss imma mhux biżżejjed. Issa rridu naħdmu biex din l-esperjenza ta' tagħlim fis-snin kruċjali bikrin tistimula, tagħni u tħejji lit-tfal aħjar għall-ħajja.

Il-Ministeru jagħraf ukoll l-isfidi kbar li għandu l-pajjiż biex l-edukazzjoni u l-kura fis-snin bikrin tkun ta' kwalità. Mira ewlenija tal-Istrateġija se tkun li jiżdied l-ammont ta' tfal Maltin ta' għaxar snin li jilħqu l-livell medju u avvanzat fil-qari, il-matematika, it-teknoloġija tal-informatika, ix-xjenza u t-teknoloġija. Barra minn hekk, tir ieħor tal-Istrateġija se jkun li jonqos l-għadd ta' studenti ta' 15-il sena li ma jġibux riżultati tajbin fl-oqsma hawn fuq imsemmija u li jonqos ukoll in-numru ta' studenti li jitilqu bikri l-iskola jew li jaqtgħu qalbhom u jabbandunaw ħesrem it-taħriġ vokazzjonali.

Mhuwiex aċċettabbli għal pajjiżna li nofs l-istudenti tal-ħames sena tas-sekondarja qed itemmu l-iskola obbligatorja bla ma jkollhom il-ħiliet bażiċi u l-kwalifiċi neċessarji, wara mill-inqas tnax-il sena skola. Irid ikun hemm rabta sħiħa bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol. L-MCAST u l-Università ta' Malta jridu jipprovdu edukazzjoni relevanti għall-ħtiġijiet tal-pajjiż ħalli nżommu r-rata tajba ta' xogħol għall-gradwati (ta' bejn l-20 u l-34 sena) u ntejbu l-ħiliet tal-persuni bejn il-25 u l-64 sena.

Kull strateġija maħsuba biex iġġib riforma fl-edukazzjoni trid tkun flessibbli, inklussiva, tiġi aġġornata l-ħin kollu, u tħaddan viżjoni fit-tul u sostenibbli għall-pajjiż kollu, kif titlob id-demokrazija. L-Istrateġija proposta se trawwem kultura li tisħaq fuq il-parteċipazzjoni u l-motivazzjoni tal-istudenti, u tippromwovi aspirazzjonijiet għoljin fit-tagħlim f'ambjent kemm fiżiku kif ukoll psikoloġiku li jkun inklussiv, sigur u organizzat. Barra minn hekk l-Istrateġija għandha ssaħħaħ il-professjoni tal-għalliema billi se tipprovdi lill-għalliema taħriġ professjonali kontinwu u relevanti, appoġġ sħiħ f'xogħolhom u kundizzjonijiet tax-xogħol li jgħinuhom jorqmu l-ħiliet tat-tagħlim tagħhom. Dan il-pjan ta' azzjoni se joffri rotta ġdida lill-edukazzjoni, rotta li se ġġib titjib u innovazzjoni fil-mod kif jitmexxew il-klassijiet, l-iskejjel u l-kulleġġi tagħna; rotta li se tbiddel t-tfassil u l-iżvilupp tal-kurrikulu.

Bis-saħħa ta' din l-Istrateġija se tisseddaq is-sinerġija bejn is-sistema edukattiva u s-soċjetà ċivili u ekonomika, u bejn ir-riżorsi edukattivi ta' pajjiżna u dawk tal-Unjoni Ewropea. Irridu nindirizzaw ilkoll flimkien il-ħtiġijiet partikolari ta' pajjiżna billi kulħadd jagħti sehmu - l-edukaturi, il-ġenituri u s-sieħba soċjali, fosthom, min iħaddem, l-unjins, il-kunsilli lokali, u l-għaqdiet mhux governattivi. Ma' dawn, protagonisti ewlenin f'dan il-proċess ta' bidla, għax se jkunu huma li jixprunawha, se jkun hemm ukoll il-Fakultà tal-Edukazzjoni, l-unjin tal-għalliema u entitajiet oħra professjonali.



## NIFFOKAW FILWAQT LI NINVOLVU LIL KULĦADD

Fit-tfassil tal-pjan għall-edukazzjoni 2014-2024, biex nilħqu l-miri ambizzjużi imma wkoll fl-istess ħin realistiċi tagħna, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol se jikkonsulta ma' kull min għandu interess f'dan il-qasam.

Il-fehmiet li joħorġu fid-diskussjonijiet se jinġabru f'dokument li fih se jkun hemm il-pjan strateġiku għall-għaxar snin li ġejjin. Id-dokument se jittratta l-mixja edukattiva kollha mill-edukazzjoni u l-kura tas-snin bikrin sat-tagħlim tal-adulti, it-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni terzjarja, it-tagħlim formali, informali u nonformali.

Biex l-Istrateġija mill-2014 sal-2024 titwettaq u tagħti l-frott kull min għandu x'jaqsam ma' dan il-qasam se jkun mistieden jieħu sehem attiv fil-proċess.

L-isfidi li għandna rridu negħlbuhom billi naraw x'inhuma l-aħjar soluzzjonijiet għalina u billi nitgħallmu minn dak li qed isir fl-Ewropa u fid-dinja, ngħidu aħna, dak li ħareġ fil-Proċessi ta' Bologna u Copenhagen. Ma nistgħux naqbdu u nwettqu strateġiji li fassal ħaddieħor għal kuntesti oħra bla ma naddattawhom u nadottawhom għar-realtà tagħna.

Nistiednu lill-entitatjiet kollha tal-Gvern u l-imsieħba fl-edukazzjoni biex jipparteċipaw fi djalogu kostruttiv fuq l-isfidi u l-opportunitajiet li l-edukazzjoni se tħabbat wiċċha magħhom fl-għaxar snin li ġejjin ħalli titfassal strateġija li twassal għal tkabbir ekonomiku, prosperità u kwalità ta' ħajja aħjar għan-nies kollha li jgħammru fil-gżejjer Maltin.



